IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.4.2014
COM(2014) 229 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

b'konformità mal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

b'konformità mal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

1. L-ISFOND

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (id-Direttiva tal-VAT), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijet ta' din id-Direttiva, biex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. Billi din il-proċedura tipprovdi għal derogi mill-prinċipji ġenerali tal-VAT, b'konformità mas-sentenzi konsistenti mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, tali derogi għandhom ikunu proporzjonali u limitati fl-ambitu.

Permezz tan-notifika rreġistrata fil-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2013, l-Ungerija talbet, abbażi tal-Artikolu 199b[1] tad-Direttiva 2006/112/KE (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali ta' Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida (MRR) li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT biex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għal provvisti taz-zokkor. Madankollu, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li taċċetta l-miżura proposta hekk kif il-kundizzjonijiet bażiċi legali ma kinux sodisfaċenti[2].

Meta notifika tkun mibgħuta fil-qafas tal-MRR, applikazzjoni għal deroga "normali" skont it-tifsira tal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT għandha tiġi rreġistrata wkoll skont l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 199b(2) tad-Direttiva tal-VAT. L-Ungerija, permezz tal-istess ittra mibgħuta għan-notifika tal-MRR, talbet li tkun awtorizzata biex tapplika, kif imsemmi, il-mekkaniżmu tar-reverse charge għal provvisti taz-zokkor.

B'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 395 ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra bid-data tad-19 ta' Marzu 2014 bit-talba tal-Ungerija. Permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ungerija li hi kellha l-informazzjoni kollha li kienet tikkunsidra meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

2. IR-REVERSE CHARGE

Il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li tforni l-prodotti jew is-servizzi. L-għan tal-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa li dik l-obbligazzjoni tiġi trasferita għal fuq il-persuna taxxabbli li tkun ġiet fornuta bil-merkanzija.

---

[1] Introdotta permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/42/UE tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2013 li tiċħad it-talba mill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida b'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 68)

Il-frodi minn negozjanti neqsin iseħħ meta negozjanti jevadu l-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa wara li jbigħu l-prodotti tagħhom. Il-klijenti tagħhom, madankollu, huma intitolati għal tnaqqis tat-taxxa peress li jkollhom f'idejhom fattura valida. Fil-każijiet l-aktar aggressivi ta' tali evażjoni tat-taxxa l-istess prodotti jew servizzi huma, permezz ta' skema "karusell" (li tinvolvi li l-prodotti jew is-servizzi jiġu nnegozjati bejn l-Istati Membri) fornuti diversi drabi mingħajr ma titħallas il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa. Bin-nomina tal-persuna li tkun ipprovduta bil-prodotti jew bis-servizzi bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT f'tali każijiet, instab li l-mekkaniżmu tar-reverse charge jelimina l-opportunità biex wieħed iwettaq dik il-forma ta' evażjoni fiskali.

3. IT-TALBA

L-Ungerija titlob, skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT u b'segwitu ta' notifika tal-MRR, li l-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge b'rabta ma' provvisti ta' kwantitajiet ta' zokkor żejda ta' 200 kg.

Abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Ungerija, jidher li l-problemi ta' frodi fis-settur diġà bdew iseħħu fl-2007. Żieda qawwija ta' VAT mhux imħallsa kienet madankollu nnotata tul l-2013 (abbażi taċ-ċifri disponibbli dakinhar għall-ewwel tliet kwarti ta' dik is-sena). Miżuri għal kontra l-frodi li ġew implimentati f'dan il-kuntest, skont l-Ungerija, ma jkunux biżżejjed biex jiġġieldu l-frodi li dejjem qed jiżdied.

4. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

Meta l-Kummissjoni tirċievi talbiet skont l-Artikolu 395, dawn jiġu eżaminati biex tiżgura li l-kundizzjonijiet bażiċi biex jintlaqgħu dawn it-talbiet ikunu ssodisfati, jiġifieri jekk il-miżura speċifika proposta tissimplifikax il-proċeduri għall-persuni taxxabbli u/jew l-amministrazzjoni tat-taxxa jew jekk il-proposta tipprevjenix ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni dejjem adottat approċċ limitat, u kawt biex tiżgura li d-derogi ma jxekklux it-tħaddim tas-sistema ġenerali tal-VAT, ikunu limitati fl-ambitu, meħtieġa u proporzjonati.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li hija t-tielet darba f'sena li talba hija ppreżentata mill-Ungerija fir-rigward ta' prodotti agrikoli (ċereali u żrieragħ żejtnija; ħnieżer; u issa z-zokkor).

Bl-istess mod għall-industrija tat-trobbija tal-ħnieżer u tal-għalf tal-annimali.((COM)2013 148 finali), hija l-opinjoni tal-Kummissjoni li t-tip ta' prodott inkwistjoni (zokkor) huwa ta' natura li għandha tippermetti l-awditjar permezz ta' mezzi ta' kontroll konvenzjonali mingħajr il-bżonn li timplimenta l-mekkaniżmu tar-reverse charge.

Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge b'rabta ma' prodotti ddestinati għall-konsum finali, bħaz-zokkor, dejjem jinvolvi r-riskju li l-frodi jiġi trasferit iżjed lejn il-qiegħ tal-katina tal-provvista li jista' jsir iktar diffiċli biex jiġi kkontrollat, minkejja l-applikazzjoni ta' limitu propost. Dik hija wkoll ir-raġuni għala l-Istati Membri eskludew deliberatament prodotti agrikoli destinati għall-konsum finali mid-"Direttiva tar-Reverse Charge"[3]. Dan l-approċċ huwa

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/43/UE tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-

ġġustifikat ukoll mir-riskju li l-frodi jgħaddu għal Stati Membri oħra f'settur li l-importanza ekonomika tiegħu hija pjuttost sostanzjali f'diversi Stati Membri. Esperjenzi preċedenti b'ċereali u żrieragħ żejtnija jikkonfermaw li dan ir-riskju huwa iktar milli ipotetiku.

F'kull każ, deroga mhix soluzzjoni dejjiema, u lanqas ma tikkumpensa għal sorveljanza inadegwata ta' persuni taxxabbli f'dan is-suq. It-talbiet varji jidhru jindikaw li hemm problemi strutturali fil-kontroll tas-settur agrikolu fl-Ungerija u li għalhekk jeħtieġu approċċ differenti.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ġiet mgħarrfa permezz ta' informazzjoni disponibbli pubblikament fl-istampa Ungeriża dwar allegazzjonijiet ta' ġestjoni possibbilment ħażina li tista' xxekkel il-ġbir korrett tat-taxxa fis-settur. Għandu jkun notifikat li huma wasslu għal sitwazzjoni diffiċli. Għalhekk, tkun tidher li soluzzjoni fuq livell politiku, amministrattiv jew anki ġudizzjarju għandha tinstab biex tiċċara s-sitwazzjoni u tiżgura li l-funzjonament normali tal-amministrazzjoni tat-taxxa tkun garantita u, fejn meħtieġ, imtejba jew imreġġa' lura.

Fir-rigward taċ-ċifri tal-frodi, it-telf tal-VAT fis-settur huwa konsiderevoli iżda b'rabta mad-diskrepanza totali stmata tal-VAT fl-Ungerija, jikkorrispondu għal 0,291 % biss (ċifri tal-2011)[4], li jindikaw il-ħtieġa għal soluzzjoni aktar komprensiva biex jiġi indirizzat il-kontroll u l-kwistjonijiet ta' ġbir tal-VAT.

Fit-talba tagħha l-Ungerija tindika li ċerti miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi f'dan is-settur ittieħdu (bħal pereżempju, fost l-oħrajn, proċedura ta' reġistrazzjoni aħjar, spezzjonijiet aktar effiċjenti, multi miżjuda, integrazzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa u dawk doganali). Madankollu, għadha ma implimentatx ir-rakkomandazzjonijiet kollha diġà ppreżentati mill-UE f'dan il-kuntest.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni l-miżuri għandhom jistrieħu aktar fuq it-titjib tal-effiċjenza tal-kontroll tat-taxxa milli fuq l-imponiment ta' obbligi ġodda fuq persuni taxxabbli. Il-Kummissjoni tinnota li l-obbligi tat-taxxa fl-Ungerija diġà huma relattivament ibsin u li dan il-pajjiż għandu klassifikazzjoni baxxa - skont il-Bank Dinji - f'termini tal-faċilità tal-ħlas tat-taxxi[5].

Abbażi ta' dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li deroga li tippermetti l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge mhix is-soluzzjoni xierqa biex taffaċċa s-sitwazzjoni tal-frodi fis-settur taz-zokkor u jkollha impatti negattivi fuq il-frodi fil-livell tal-bejgħ u fuq Stati Membri oħra. Soluzzjoni jkollha tinstab fuq livell aktar mifrux li jinvolvi riformi strutturali tal-kontroll u l-ġbir tat-taxxa. Il-Kummissjoni tibqa' lesta li tipprovdi, fejn possibbli, l-assistenza neċessarja

---

mekkaniżmu tar-reverse charge b'rabta mal-provvista ta' ċerti prodotti u servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal frodi (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 4)

[4] *Study to quantify and analyse the VAT Gap in the EU-27 Member States.* Rapport ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea u ppreparat minn konsorzju mmexxi mis-CPB (Central Purchasing Body) (l-Uffiċċju tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-Analiżi tal-Politika Ekonomika): http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/common/publications/studies/vat-gap.pdf

[5] Ara: Il-valutazzjoni tal-programm nazzjonali ta' riforma u l-programm ta' stabbiltà għall-Ungerija - L-akkumpanjament tar-Rakkomandazzjoni tad-dokument għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill fuq il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Ungerija għall-2013 u l-għoti ta' Opinjoni mill-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà tal-Ungerija għall-2012-2016. (dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - SWD(2013) 367 finali; p. 21-22); ara wkoll: http://www.doingbusiness.org

lill-Ungerija biex tikkumbatti l-problemi fir-rigward tal-frodi tal-VAT. Il-Kummissjoni ssuġġerixxiet ukoll li l-Ungerija għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-kuntest tal-Eurofisc ma' Stati Membri oħra li huma konfrontati, jew li aktarx se jkunu konfrontati, bi problemi simili fis-settur agrikolu.

5. KONKLUŻJONI

Abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni toġġezzjona għat-talba tal-Ungerija.